# 62. Tnehida

Mulej,
isbaħ miż-żonqor, isbaħ mill-azzar
il-qalb tal-bniedem.

Jien ixxabbatt
b'sellum tal-ħabel
biex nixgħel it-tazzi taż-żejt
mal-wisa' tal-faċċata
tal-maqdes tiegħek;
'mma ż-żiffa bierda
tfiethomli waħda waħda –
jien nixgħel u hija titfi –
kollu ta' xejn,
sultan id-dlam!

Mulej,
ix-xemx illi ħloqt int għall-qalb tal-bniedem
spiċċat fi fjask
kif spiċċajt jien
mal-wisa' tal-faċċata
tal-maqdes tiegħek:
id-dlam qiegħed isaltan!

Mulej,
għall-qalb tal-bniedem
trid terġa' toħloq xemx
l' aktar iddawwal,
u li ma tintefiex;
dik li diġa ħloqt donnha bħal qsiemet,
u saret mingħajr saħħa!
Tħallix id-droga tkun flok ix-xemx tiegħek!

Mulej,
donnok tgħidli b'sarkażmu:
"Xi tridni nagħmel?
Inġiegħel lill-bniedem
jagħmel is-sew bilfors?"

Mulej,

jiena ma nafx inwieġbek;
iżda l-karba
ta' nies imġewħa u morda,
ta' nies fil-ħabs u mjassra,
ta' nies maqtula
għalxejn fi gwerra kiefra,
iġġiegħel lil qalbi
tibqa' titniegħed quddiemek
bla heda,
nħall-baħar
f'lejl qawwi ta' tempesta
li jitlob il-bnazzi.

24/8/1972